MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 686/2011

**Portfolio Services Ltd C-42794 flimkien u in solidum ma l-Avukat Dr. Malcolm Mifsud ID 405168M**

**vs**

**Calogero Provenzano ID Taljana 184031V**
**Benedetto di Fiore ID Taljana 019028X**
**Onofrio Saeli ID Taljana 182953V**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Awwissu 2011, fejn intalab li l-konvenuti in solidum jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn, tlett mija, sittin Euro (€2,360.00c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, l-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2012, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, tlett mija, sittin Euro (€2,360.00c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------